**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 621/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Deelian Mifsud**

**Illum 3 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Deelian Mifsud ta' 21 sena, bin missier mhux magħruf u Stefania nee' Mifsud mwieled il-Pieta' nharit-12 ta' Diċembru 1999 u residenti f'100, Bliss, Triqil-Lampuki, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 18600L;**

F'dawn il-gżejjer u/jew il-21 ta' Jannar 2021 ufil-jiem u l-ġimgħat ta' qabel;

1. Bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xirta, ħa u/jew żvela xi ritratt jew film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film, u cioe' mingħajr il-kunsens ta' Donna Edris u Alfred Gatt;
2. U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, liema sentenza ingħatat mill-Imħallef Dr. C. Scerri Herrera LL.D. nharl-10 ta' Ottubru 2020;
3. U aktar talli renda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-lipi tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' Donna Edris u Alfred Gatt;

Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kullpiena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna biex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur John Spiteri qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 17 ta' Ottubru 2023;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', dikjarazzjoni tal-parir legali immarkat bħala Dok JS 1, ċertifikat tat-twelidimmarjat bħala Dok JS 2, okkorrenza immarkata bħala Dok JS 3, kunsens ta' l-avukat ġenerali immarkat bħala Dok JS 4 u fedina penali immarkata bħala Dok JS5, vera kopja ta' sentenza immarkata bħala Dok DM 1;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-26 ta' Settembru 2024;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat, oltre wkoll il-fedina penali pjuttost kopjuża ta' l-imputat. Għalhekk il-Qorti ma tarax li huwa sejjer jitgħallem jekk ma jingħatax sentenza ta' priġunerija effettiva, stante li kien ngħata diversi opportunitajiet izda huwa iddeċieda li jkompli jagħti l-kulur il-fedina penali tiegħu ta' eta żgħira. Madanakollu il-Qorti rat li t-tieni imputazzjoni ormaj ġiet deċiża u għalhekk ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 208E(1), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta  ssib lill-imputat Deelian Mifsud ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal wieħed u tletin (31) ġurnata priġunerija effettiva li minnhom għandu jintaqqas il-perjodu li l-imputat għamel bħala arrest preventiv.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**